# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 129

Volum 57

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

30 ta' April 2014

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 421/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (UE) Nru 422/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom** ..... 5

★ **Regolament (UE) Nru 423/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2012, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom** ..... 12

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 421/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-16 ta' April 2014**

**li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, fid-dawl tal-implimentazzjoni sal-2020 ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq għal emissjonijiet tal-avjazzjoni internazzjonali**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Is-settur tal-avjazzjoni għandu karattru internazzjonali prevalenti. Approċċ globali li jindirizza l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali joffri l-aqwa prospetti għall-iżgurar ta' sostenibbiltà fit-tul.

(2) L-Unjoni qed tipprova tikseb ftehim internazzjonali sigur għall-ġejjieni biex jikkontrolla l-impatti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni u, sadattant, qed tillimita l-impatti ta' tibdil fil-klima mill-attivitajiet tal-avjazzjoni minn u lejn ajrudromi fl-Unjoni permezz ta' azzjoni awtonoma. Sabiex jiġi żgurat li dawk l-objettivi huma ta' appoġġ reċiproku u mhux f'kunflitt, huwa xieraq li jittieħed kont tal-iżviluppi u tal-pożizzjonijiet li ttieħdu f'fora internazzjonali u li titqies b'mod partikolari r-riżoluzzjoni li tinkludi "Id-Dikjarazzjoni kkonsolidata tal-politiki u l-prattiki kontinwi tal-ICAO relatati mal-ħarsien tal-ambjent" adottata fl-4 ta' Ottubru 2013 fit-38 Sessjoni tal-Assemblea tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

(3) Konsegwentament, sabiex jinżamm l-impetu li ntlaħaq fit-38 Sessjoni tal-Assemblea ICAO fl-2013 u jiġi ffaċilitat il-progress fid-39 Sessjoni li jmiss fl-2016, huwa mixtieq li r-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jitqiesu b'mod temporanju bħala ssodisfati għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2016, fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn ajrudromi f'pajjiżi 'l barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). B'hekk, l-Unjoni tenfasizza li r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' titjiriet minn u lejn ajrudromi li jinsabu fi Stati taż-ŻEE, bl-istess mod bħalma r-rekwiżiti legali jistgħu jiġu applikati fir-rigward ta' titjiriet bejn dawn l-ajrudromi. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, għall-finijiet ta' din id-deroga, titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fi Stati taż-ŻEE u ajrudromi li jinsabu f'pajjiżi li ssieħbu mal-Unjoni fl-2013 għandhom jitqiesu bħala titjiriet bejn Stati taż-ŻEE.

---

([1]) Opinjoni adottata fit-22 ta' Jannar 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' April 2014 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.

([3]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32)

(4) Jitfakkar li skont id-Direttiva 2003/87/KE, huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw l-użu li għandu jsir mid-dħul iġġenerat mill-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni. Dak id-dħul, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tiegħu, għandu jintuża biex jittratta t-tibdil fil-klima fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, inter alia, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, biex ikun hemm adattament għall-impatti tat-tibdil fil-klima fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, speċjalment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, biex jiġu ffinanzjati r-riċerka u l-iżvilupp għall-mitigazzjoni u l-adattament, inkluż b'mod partikolari fl-oqsma tal-ajruonawtika u tat-trasport bl-ajru, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet permezz ta' mezzi tat-trasport b'emissjonijiet baxxi, u biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-iskema tal-Unjoni. Id-dħul mill-bejgħ bl-irkant, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tiegħu, għandu jintuża wkoll sabiex jiffinanzja kontribuzzjonijiet għall-Fond Globali għall-Effiċjenza Enerġetika u l-Enerġija Rinnovabbli, u għal miżuri biex tiġi evitata d-deforestazzjoni. It-trasparenza dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-irkant tal-kwoti skont id-Direttiva 2003/87/KE hija essenzjali biex tirfed l-impenji tal-Unjoni. Skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-Istati Membri għandhom iressqu rapport lill-Kummissjoni dwar l-użu tad-dħul mill-bejgħ bl-irkant ta' tali kwoti.

(5) Id-derogi previsti f'dan ir-Regolament iqisu r-riżultati tal-kuntatti bilaterali u multilaterali ma' pajjiżi terzi, li l-Kummissjoni se tkompli twettaq f'isem l-Unjoni, għall-promozzjoni tal-użu ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni.

(6) Jitfakkar li d-Direttiva 2003/87/KE tipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri li jemendaw l-attivitajiet tal-avjazzjoni elenkati fl-Anness I għal dik id-Direttiva fejn pajjiż terz jintroduċi miżuri għat-tnaqqis tal-impatti tal-attivitajiet tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

(7) In-negozjati tal-ftehimiet kollha tal-Unjoni dwar l-avjazzjoni ma' pajjiżi terzi għandu jkollhom l-għan li jissalvagwardjaw il-flessibbiltà tal-Unjoni biex tieħu azzjoni fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, inkluż fir-rigward ta' miżuri li jtaffu l-impatt tal-avjazzjoni fuq it-tibdil fil-klima.

(8) Sabiex ma jkun hemm l-ebda xkiel fil-kompetizzjoni, huwa importanti li t-titjiriet kollha fuq l-istess rotta jiġu trattati bl-istess mod.

(9) Biex ikompli jiġi evitat piż amminstrattiv sproporzjonat għall-iżgħar operaturi tal-inġenji tal-ajru, għandha tiżdied eżenzjoni temporanja mal-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li jipproduċu inqas minn 1 000 tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena għandhom, għalhekk, ikunu eżenti mill-ambitu ta' dik id-Direttiva, mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(10) Huwa xieraq li operaturi tal-inġenji tal-ajru li jkunu emittenti tal-emissjonijiet fuq skala żgħira, jitħallew jużaw approċċ alternattiv għall-verifika tal-emissjonijiet tagħhom sabiex jitnaqqas aktar il-piż amministrattiv tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw miżuri ta' simplifikazzjoni li jindirizzaw b'mod partikolari l-bżonnijiet tal-operaturi mhux kummerċjali li jkunu emittenti fuq skala żgħira.

(11) Kunsiderazzjoni partikolari għandha tingħata lill-mitigazzjoni jew it-tneħħija ta' kwalunkwe problema ta' aċċessibbiltà u kompetittività li titqajjem għar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni. B'kunsiderazzjoni għal dan, titjiriet bejn ajrudromu li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u ajrudromu li jinsab f'reġjun ieħor taż-ŻEE għandhom jiġu inklużi wkoll fid-deroga stabbilita skont dan ir-Regolament.

(12) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u għall-awtoritajiet nazzjonali huwa xieraq li l-iskadenza għar-restituzzjoni u r-rappurtar għall-emissjonijiet tal-2013 tiġi estiża sal-2015.

(13) Għall-applikazzjoni ta' din id-deroga, huwa importanti li jitfakkar li l-metodi għall-allokazzjoni u l-ħruġ ta' kwoti lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru jibqgħu dawk stabbiliti mid-Direttiva 2003/87/KE, jiġifieri bbażat fuq data vverifikata ta' tunnellata għal kull kilometru, fir-rigward tal-perjodi msemmija fiha.

(14) Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016 u fid-dawl tal-eżitu tagħha, il-Kummissjoni għandha tipprovdi rapport sħiħ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, inter alia, tqis l-għażliet kollha għall-kopertura tal-emissjonijiet mill-attivitajiet tal-avjazzjoni u, jekk ikun xieraq, tipproponi fil-pront miżuri sabiex jiġi żgurat li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u li tkun tista' tiġi indirizzata kwalunkwe kwistjoni dwar l-applikazzjoni ta' deroga. Il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari wkoll lill-effikaċja ambjentali tal-Iskema tal-Unjoni Ewropea ta' Skambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet (EU ETS) u, f'dan il-kuntest, lill-kontribut partikolari tas-settur tal-avjazzjoni, inklużi l-modalitajiet għall-allinjament aħjar tar-regoli li japplikaw għal attivitajiet tal-avjazzjoni u installazzjonijiet immobbli rispettivament.

---

([1]) Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

(15) Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-introduzzjoni ta' deroga temporanja għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u ċ-ċediment ta' kwoti minn titjiriet lejn u minn pajjiżi li jinsabu 'l barra miż-ŻEE mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016, biex jintreħa l-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-amministrazzjoni tal-iskema, ma jistgħux jintlaqħu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fl-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn l-objettivi jintlaħqu.

(16) Huwa essenzjali li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-awtoritajiet nazzjonali fid-dawl tal-iskadenza ta' restituzzjoni tat-30 ta' April 2014 kif imsemmi fid-Direttiva 2003/87/KE. Konsegwentement, dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tal-adozzjoni tiegħu,

(17) Id-Direttiva 2003/87/KE għandha tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2003/87/KE hija b' dan emendata kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 28a*

**Derogi applikabbli minn qabel tal-implimentazzjoni, sal-2020, ta' ftehim internazzjonali li japplika miżura globali unika bbażata fuq is-suq**

1. B'deroga mill-Artikoli 12(2a), 14(3) u l-Artikolu 16, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rekwiżiti stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet li huma sodisfatti u ma għandhomx jieħdu azzjoni kontra operaturi tal-inġenji tal-ajru fir-rigward ta':

(a) l-emissjonijiet kollha minn titjiriet minn jew lejn ajrudromi li jinsabu barra ż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(b) l-emissjonijiet kollha minn titijiriet bejn ajrudromu li jinsab f'reġjun ultraperiferiku fit-tifsira tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u ajrudromu li jinsab f'reġjun ieħor taż-ŻEE f'kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(c) ir-restituzzjoni tal-kwoti tikkorrispondi għall-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 minn titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fiż-ŻEE, li jridu jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' April 2015 minflok sat-30 ta' April 2014, u l-emissjonijiet ivverifikati tal-2013 għal dawk it-titjiriet li jridu jiġu rrapportati sal-31 ta' Marzu 2015 minflok sal-31 ta' Marzu 2014.

Għall-finijiet tal-Artikoli 11a, 12 u 14, l-emissjonijiet ivverifikati minn titjiriet għajr dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jitqiesu li huma l-emissjonijiet ivverifikati tal-operatur tal-inġenju tal-ajru.

2. B'deroga mill-Artikolu 3e(5) u l-Artikolu 3f, operatur tal-inġenju tal-ajru li jibbenefika mid-derogi stipulati fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinħarġilu għadd ta' kwoti mingħajr ħlas imnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-obbligu ta' restituzzjoni tal-kwoti stipulat f'dawk il-punti.

B'deroga mill-Artikolu 3f(8), kwoti li ma ġewx allokati minħabba l-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu kkanċellati.

Fir-rigward tal-attività fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mingħajr ħlas allokati lil kull operatur ta' inġenju tal-ajru sal-1 ta' Awwissu 2014.

3. B'deroga mill-Artikolu 3d, l-Istati Membri għandhom jirkantaw għadd ta' kwoti tal-avjazzjoni mnaqqsa proporzjonalment skont it-tnaqqis tal-għadd totali ta' kwoti maħruġa.

4. B'deroga mill-Artikolu 3d(3), l-għadd ta' kwoti li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2016, għandu jiġi mnaqqas b'tali mod li jikkorrispondi għas-sehem tiegħu ta' emissjonijiet attribwiti għall-avjazzjoni minn titjiriet li mhumiex soġġetti għal derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. B'deroga mill-Artikolu 3g, operaturi ta' inġenji tal-ajru m'għandhomx ikunu mitluba jressqu pjanijiet ta' monitoraġġ li jistabbilixxu miżuri għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet fir-rigward ta' titjiriet soġġetti għad-derogi previsti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

6. B'deroga mill-Artikoli 3g, 12, 15 u 18a, fejn operatur tal-inġenju tal-ajru għandu t-total annwali ta' emissjonijiet inqas minn 25 000 tunnellata $CO_2$, l-emissjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu li huma emissjonijiet ivverifikati jekk jiġu ddeterminati bl-użu tal-għodda ta' emittenti żgħar approvata mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 (*) u li hija popolata mill-Eurocontrol b'dejta mill-faċilità ta' appoġġ tal-ETS. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw proċeduri ssimplifikati għal operaturi tal-inġenju tal-ajru mhux kummerċjali sakemm tali proċeduri ma jipprovdux inqas preċiżjoni milli tipprovdi l-għodda ta' emittenti żgħar.

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fi Stati taż-ŻEE u l-pajjiżi li ssieħbu mal-Unjoni fl-2013 għandhom jitqiesu bħala titjiriet bejn ajrudromi li jinsabu fi Stati taż-ŻEE.

8. Il-Kummissjoni għandha regolarment, u mill-anqas darba fis-sena, tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tan-negozjati tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) kif ukoll dwar l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-aċċettazzjoni internazzjonali ta' mekkaniżmi bbażati fuq is-suq fost il-pajjiżi terzi. Wara l-Assemblea tal-ICAO tal-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar azzjonijiet li jridu jittieħdu biex jiġi implimentat ftehim internazzjonali għall-miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2020, li se tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni b'mod mhux diskriminatorju, u tressaq ukoll informazzjoni, rigward l-użu tad-dħul ippreżentat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.

Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra u, fejn xieraq, tinkludi proposti b'reazzjoni għal, dawk l-iżviluppi dwar il-kamp ta' applikazzjoni xieraq għall-kopertura tal-emissjonijiet minn attività minn jew lejn ajrudromi li jinsabu barra ż-ŻEE mill-1 ta' Jannar 2017 'il quddiem. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll soluzzjonijiet għal kwistjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu fl-applikazzjoni tal-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tippreżerva t-trattament indaqs għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru kollha fuq l-istess rotta.

(*) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 tad-9 ta' Lulju 2010 dwar l-approvazzjoni ta' għodda simplifikata żviluppata mill-organizzazzjoni Ewropea għas-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru (Eurocontrol) sabiex tistima l-konsum tal-fjuwil ta' ċerti operaturi tal-inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 25)."

(2) Fl-Anness I, fil-kolonna "Attivitajiet" tat-tabella, taħt l-intestatura "Avjazzjoni", jiżdied il-punt li ġej wara l-punt (j):

"(k) mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2020, it-titjiriet li, għajr għal dan il-punt, jaqgħu fi ħdan din l-attività, imwettqa minn operaturi tal-inġenji tal-ajru mhux kummerċjali li joperaw titjiriet b'emissjonijiet totali annwali ta' anqas minn 1 000 tunnellata fis-sena.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-30 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, is-16 ta' April 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | D. KOURKOULAS |

**REGOLAMENT (UE) Nru 422/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tas-16 ta' April 2014**

**li jaġġusta, b'effett mill-1 ta' Lulju 2011, ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għalihom**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ("ir-Regolamenti tal-Persunal") u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Unjoni Ewropea ("il-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra"), stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri ([3]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja ([4]),

Billi:

(1) Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-63/12, *Il-Kummissjoni Ewropea vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") ċċarat li l-istituzzjonijiet huma obbligati jiddeċiedu kull sena dwar l-aġġustament tar-rimunerazzjoni, billi jagħmlu aġġustament "matematiku" skont il-metodu stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolament tal-Persunal, jew inkella billi jidderogaw minn dan il-kalkolu "matematiku" f'konformità mal-Artikolu 10 tiegħu.

(2) L-għan tal-Artikolu 19 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), hu li permezz tiegħu l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa biex tinstab soluzzjoni għat-tilwim tagħhom rigward l-aġġustamenti tal-2011 u l-2012 tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet f'konformità ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-aspettattivi leġittimi tal-persunal li l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu deċiżjoni kull sena dwar l-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tagħhom.

(3) Sabiex taderixxi mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-63/12, fejn il-Kunsill jistabbilixxi li jkun hemm deterjorament serju u mhux mistenni fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 336 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex tinvolvi lill-Parlament Ewropew fil-proċess leġislattiv. Fl-4 ta' Novembru 2011, il-Kunsill iddikjara li l-kriżi finanzjarja u ekonomika li qed isseħħ fl-Unjoni, u li tirriżulta f'aġġustamenti fiskali sostanzjali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, kienet tikkostitwixxi deterjorament serju u mhux mistenni tas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 241 TFUE, biex timplimenta l-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal u tippreżenta proposta adatta għall-aġġustament tar-rimunerazzjoni.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1).
([2]) Opinjoni tal-4 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni tat-3 ta' Marzu 2014 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2014 [(għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)] u deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2014.
([5]) Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 15).

(4) Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li skont il-klawżola ta' eċċezzjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom marġni wiesgħa ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet. Fid-dawl tad-data ekonomika u soċjali għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2010 sal-31 ta' Diċembru 2011, bħall-kriżi finanzjarja u ekonomika li affettwat għadd ta' Stati Membri fil-ħarifa tal-2011, li kkawżat deterjorament immedjat fis-sitwazzjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni u li wasslet għal aġġustamenti makroekonomiċi sostanzjali, il-livell għoli ta' qgħad u l-livell għoli ta' defiċit pubbliku u d-dejn fl-Unjoni, ikun adatt li l-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet fil-Belġju u l-Lussemburgu jiġi stabbilit għal 0 % għall-2011. Dak l-aġġustament hu parti minn approċċ globali biex tinstab soluzzjoni għal tilwim rigward l-aġġustamenti tal-2011 u l-2012 għar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet, li wkoll jinvolvi aġġustament ta' 0,8 % għall-2012.

(5) Konsegwentement, matul perjodu ta' ħames snin (2010-2014) l-aġġustament tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea huwa kif ġej: fl-2010, l-applikazzjoni tal-metodu stabbilit fl-Artikolu 3 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal rriżultat f'aġġustament ta' 0,1 %. Għas-snin 2011 u 2012, ir-riżultat tal-approċċ globali biex tinstab soluzzjoni għal tilwim rigward l-aġġustamenti tal-2011 u l-2012 tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet jinvolvi aġġustament ta' 0 % u ta' 0,8 % rispettivament. Addizzjonalment, bħala parti mill-kompromess politiku dwar ir-riforma tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra, ġie deċiż li r-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet jiġu ffriżati għas-snin 2013 u 2014,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, id-data tal-"1 ta' Lulju 2010" fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 63 tar-Regolamenti tal-Persunal għandha tiġi sostitwita bid-data tal-"1 ta' Lulju 2011".

*Artikolu 2*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, it-tabella bil-pagi bażiċi ta' kull xahar fl-Artikolu 66 tar-Regolamenti tal-Persunal, li tapplika għall-finijiet tal-kalkolu tar-rimunerazzjoni u tal-pensjonijiet, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

| 1/7/2011 | SKALA | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| GRAD | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 16 | 16 919,04 | 17 630,00 | 18 370,84 | | |
| 15 | 14 953,61 | 15 581,98 | 16 236,76 | 16 688,49 | 16 919,04 |
| 14 | 13 216,49 | 13 771,87 | 14 350,58 | 14 749,83 | 14 953,61 |
| 13 | 11 681,17 | 12 172,03 | 12 683,51 | 13 036,39 | 13 216,49 |
| 12 | 10 324,20 | 10 758,04 | 11 210,11 | 11 521,99 | 11 681,17 |
| 11 | 9 124,87 | 9 508,31 | 9 907,86 | 10 183,52 | 10 324,20 |
| 10 | 8 064,86 | 8 403,76 | 8 756,90 | 9 000,53 | 9 124,87 |
| 9 | 7 127,99 | 7 427,52 | 7 739,63 | 7 954,96 | 8 064,86 |
| 8 | 6 299,95 | 6 564,69 | 6 840,54 | 7 030,86 | 7 127,99 |
| 7 | 5 568,11 | 5 802,09 | 6 045,90 | 6 214,10 | 6 299,95 |
| 6 | 4 921,28 | 5 128,07 | 5 343,56 | 5 492,23 | 5 568,11 |
| 5 | 4 349,59 | 4 532,36 | 4 722,82 | 4 854,21 | 4 921,28 |
| 4 | 3 844,31 | 4 005,85 | 4 174,18 | 4 290,31 | 4 349,59 |
| 3 | 3 397,73 | 3 540,50 | 3 689,28 | 3 791,92 | 3 844,31 |
| 2 | 3 003,02 | 3 129,21 | 3 260,71 | 3 351,42 | 3 397,73 |
| 1 | 2 654,17 | 2 765,70 | 2 881,92 | 2 962,10 | 3 003,02 |

*Artikolu 3*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u tal-aġenti l-oħra skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 2 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw skont l-Artikolu 17(3) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għat-trasferimenti li jsiru minn uffiċjali u aġenti oħra għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 3 tat-tabella li ġejja.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għall-pensjonijiet taħt l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 4 tat-tabella li ġejja.

B'effett mis-16 ta' Mejju 2011, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għar-rimunerazzjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 5 tat-tabella li ġejja. Id-data effettiva għall-aġġustament annwali għal dawk l-Istati Membri għandha tkun is-16 ta' Mejju 2011.

B'effett mis-16 ta' Mejju 2011, il-koeffiċjenti korrettivi li japplikaw għall-pensjonijiet skont l-Artikolu 20(1) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal għandhom ikunu kif indikati fil-kolonna 6 tat-tabella li ġejja. Id-data effettiva għall-aġġustament annwali għandha tkun is-16 ta' Mejju 2011.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|
| Pajjiż/Post | Rimunerazzjoni 1.7.2011 | Trasferiment 1.1.2012 | Pensjoni 1.7.2011 | Rimunerazzjoni 16.5.2011 | Pensjoni 16.5.2011 |
| Bulgarija | 60,6 | 58,1 | 100,0 | | |
| Repubblika Ċeka | 85,2 | 79,3 | 100,0 | | |
| Danimarka | 134,2 | 130,5 | 130,5 | | |
| Ġermanja | 93,7 | 95,4 | 100,0 | | |
| Bonn | 93,0 | | | | |
| Karlsruhe | 92,2 | | | | |
| Munich | 103,2 | | | | |
| Estonja | 75,4 | 77,4 | 100,0 | | |
| Greċja | 92,2 | 91,0 | 100,0 | | |
| Spanja | 97,4 | 91,5 | 100,0 | | |
| Franza | 116,4 | 108,5 | 108,5 | | |
| Irlanda | 109,6 | 104,6 | 104,6 | | |
| Italja | 104,8 | 100,0 | 100,0 | | |
| Varese | 91,9 | | | | |
| Ċipru | 83,0 | 85,4 | 100,0 | | |
| Latvja | 74,4 | 70,2 | 100,0 | | |
| Litwanja | 72,7 | 70,7 | 100,0 | | |
| Ungerija | 83,5 | 73,1 | 100,0 | | |
| Malta | 82,7 | 84,6 | 100,0 | | |
| Pajjiżi l-Baxxi | 102,8 | 97,3 | 100,0 | | |
| Awstrija | 105,0 | 104,1 | 104,1 | | |
| Polonja | 80,5 | 71,4 | 100,0 | | |
| Portugall | 84,0 | 83,9 | 100,0 | | |
| Rumanija | 72,7 | 62,1 | 100,0 | | |
| Slovenja | 86,2 | 83,6 | 100,0 | | |
| Slovakkja | 78,8 | 73,5 | 100,0 | | |
| Finlandja | 120,5 | 113,0 | 113,0 | | |
| Svezja | 124,1 | 117,2 | 117,2 | | |
| Renju Unit | | 103,5 | | 120,8 | 103,5 |
| Culham | | | | 98,2 | |

*Artikolu 4*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għal-leave tal-ġenituri msemmija fit-tieni u fit-tielet paragrafi tal-Artikolu 42(a) tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 911,73 u għandu jkun ta' EUR 1 215,63 għal ġenitur waħdu.

*Artikolu 5*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont bażiku tal-allowance għall-unità domestika msemmi fl-Artikolu 1(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 170,52.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għat-tfal dipendenti msemmi fl-Artikolu 2(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 372,61.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għall-edukazzjoni msemmi fl-Artikolu 3(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 252,81.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont tal-allowance għall-edukazzjoni msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta' EUR 91,02.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont minimu tal-allowance għall-espatrijazzjoni msemmi fl-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(1) tal-Anness VII tiegħu għandu jkun ta' EUR 505,39.

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-allowance għall-espatrijazzjoni msemmi fl-Artikolu 134 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg li japplikaw għal Aġenti Oħrajn għandu jkun ta' EUR 363,31.

*Artikolu 6*

B'effett mill-1 ta' Jannar 2012, l-allowance għall-kilometraġġ imsemmi fl-Artikolu 8(2) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun aġġustat kif ġej:

| | |
|---|---|
| EUR 0 għal kull kilometru bejn | 0 u 200 km |
| EUR 0,3790 għal kull kilometru bejn | 201 u 1 000 km |
| EUR 0,6316 għal kull kilometru bejn | 1 001 u 2 000 km |
| EUR 0,3790 għal kull kilometru bejn | 2 001 u 3 000 km |
| EUR 0,1262 għal kull kilometru bejn | 3 001 u 4 000 km |
| EUR 0,0609 għal kull kilometru bejn | 4 001 u 10 000 km |
| EUR 0 għal kull kilometru 'l fuq minn | 10 000 km. |

Ma' din l-allowance għall-kilometraġġ għandu jiżdied suppliment b'rata fissa, li jammonta għal:

— EUR 189,48 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini tkun bejn 725 km u 1 450 km;

— EUR 378,93 jekk id-distanza bil-ferrovija bejn il-post tal-impjieg u l-post tal-oriġini tkun akbar minn 1 450 km.

*Artikolu 7*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, l-ammont għall-allowance tas-sussistenza ta' kuljum imsemmi fl-Artikolu 10(1) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal għandu jkun ta':

— EUR 39,17 għal uffiċjal li għandu dritt għall-allowance tal-unità domestika;

— EUR 31,58 għal uffiċjal li ma jkollux dritt għall-allowance tal-unità domestika.

*Artikolu 8*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2011, il-limitu minimu għall-allowance tal-installazzjoni msemmi fl-Artikolu 24(3) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra jkun ta':

— EUR 1 114,99 għal aġent li huwa intitolat għall-allowance tal-unità domestika;

— EUR 662,97 għal aġent li mhuwiex intitolat għall-allowance tal-unità domestika.

*Artikolu 9*

